Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1187/2009

tas-27 ta' Novembru 2009

li jistipula regoli dettaljati speċjali għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-liċenzji tal-esportazzjoni u r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib

(tfassil mill-ġdid)

(ĠU L 318, 4.12.2009, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 173/2011 tat-23 ta' Frar 2011	L 49	16	24.2.2011
►M2	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1313/2011 tat-13 ta' Diċembru 2011	L 334	10	16.12.2011
►M3	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 245/2012 tal-20 ta' Marzu 2012	L 81	37	21.3.2012
►M4	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 521/2012 tad-19 ta' Ġunju 2012	L 159	26	20.6.2012

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1187/2009

tas-27 ta' Novembru 2009

li jistipula regoli dettaljati speċjali għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-liċenzji tal-esportazzjoni u r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib

(tfassil mill-ġdid)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [ir-Regolament dwar l-OKS Unika] ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 161(3), 170 u 171(1) flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jistabbilixxi, fost l-oħrajn, regoli ġenerali għall-għoti tar-rifużjonijiet tal-esportazzjoni fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, sabiex, b'mod partikolari, jippermetti l-monitoraġġ tal-valur u l-limiti kwantitattivi għar-rifużjonijiet. Regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni ta' dawk ir-regoli ġenerali ġew stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1282/2006 tas-17 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati speċjali għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 fir-rigward tal-liċenzji ta' esportazzjoni u r-rifużjonijiet ta' esportazzjoni għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib ([2]).

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1282/2006 ġie emendat sostanzjalment diversi drabi ([3]). Minħabba li se jsiru aktar emendi, dan ir-Regolament għandu jiġi rriformulat fl-interess taċ-ċarezza.

(3) Skont il-Ftehim dwar l-Agrikoltura ([4]) konkluż matul l-Assemblea tal-Urugwaj tan-negozjati kummerċjali tal-GATT u approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsilll 94/800/KE ([5]) (minn hawn 'il quddiem, il-"Ftehim dwar l-Agrikoltura"), rifużjonijiet tal-esportazzjoni dwar prodotti agrikoli, inklużi prodotti tal-ħalib, huma limitati f'kull perjodu ta' 12-il xahar li jibdew mill-1 ta' Lulju 1995 sa kwantità massima u valur massimu. Sabiex tiġi żgurata konformità ma' dawk il-limiti, il-ħruġ ta' liċenzji tal-esportazzjoni għandu jkun immonitorjat u għandhom jiġu adottati proċeduri biex jiġu allokati l-kwantitajiet li jistgħu jiġu esportati u jkollhom rifużjoni.

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 234, 29.8.2006, p. 4.
([3]) Ara l-Anness VII.
([4]) ĠU L 336, 23.12.1994, p. 22.
([5]) ĠU L 336, 23.12.1994, p. 1.

▼B

(4) Sabiex tingħata rifużjoni, il-prodotti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel ([1]) u tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali ([2]), notevolment it-tħejjija fi stabbiliment approvat u l-konformità mar-rekwiżiti tal-marki tal-identifikazzjoni speċifikati fit-Taqsima I tal-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

(5) Sabiex jiġu żgurati kontrolli effikaċi fuq il-limiti, ma għandhomx jitħallsu rifużjonijiet fuq kwantitajiet li jaqbżu dak li jkun indikat fuq il-liċenzja.

(6) Il-perjodu ta' validità tal-liċenzji tal-esportazzjoni għandu jkun fiss.

(7) Sabiex tkun żgurata verifika metikoluża tal-prodotti esportati u sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' spekulazzjoni, għandha tkun ristretta l-possibbiltà li l-prodott li għalih tkun inħarġet liċenzja jinbidel.

(8) L-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 612/2009 tas-7 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli ([3]) jistipula r-regoli għall-użu ta' liċenzji tal-esportazzjoni permezz ta' ffissar minn qabel tar-rifużjoni għall-esportazzjoni ta' prodotti b'kodiċi bi 12-il figura minbarra dak muri fit-taqsima 16 tal-liċenzja. Dik id-dispożizzjoni hija applikabbli f'settur speċifiku biss jekk il-kategoriji tal-prodotti kif imsemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 376/2008 tat-23 ta' April 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni u ta' ċertifikati ta' ffissar bil-quddiem għal prodotti agrikoli ([4]) u l-gruppi tal-prodotti kif imsemmija fit-tieni inċiż tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 612/2009 jkunu ġew iddefiniti.

(9) Għas-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, il-kategoriji tal-prodotti diġà ġew iddefiniti b'referenza għall-kategoriji pprovduti fil-Ftehim dwar l-Agrikoltura. Fl-interess ta' ġestjoni tajba dan l-użu tal-kategoriji għandu jinżamm. Għall-finijiet ta' semplifikazzjoni u kompletezza, il-gruppi tal-prodotti kif imsemmija fit-tieni inċiż tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 612/2009 għandu jinbidel u jkun ibbażat fuq il-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda. Jekk il-prodott li jiġi esportat fir-realtà jkun differenti mill-prodott muri fil-kaxxa 16 tal-liċenzja, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ġenerali tal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 612/2009. Biex tiġi evitata d-diskriminazzjoni bejn operaturi li jesportaw fil-qafas tas-sistemi attwali applikabbli u dawk li jesportaw skont dan ir-Regolament, dik id-dispożizzjoni tista' tiġi applikata retroattivament fuq talba mid-detentur tal-liċenzja.

([1]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1.
([2]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.
([3]) ĠU L 186, 17.7.2009, p. 1.
([4]) ĠU L 114, 26.4.2008, p. 3.

▼B

(10) Sabiex operaturi jkunu jistgħu jieħdu sehem f'sejħiet għall-offerti maħruġa minn pajjiżi terzi mingħajr ma jkunu affettwati r-restrizzjonijiet fir-rigward ta' volum, għandha tiġi introdotta sistema ta' liċenzji provviżorji li lill-offerenti magħżula tagħtihom il-jedd għal liċenzja sħiħa. Sabiex jiġi żgurat li liċenzji bħal dawn jintużaw tajjeb, għal ċerti esportazzjonijiet li għalihom ikun hemm rifużjoni, il-pajjiż destinatarju għandu jiġi ddefinit bħala obbligatorju.

(11) Sabiex jiġi żgurat monitoraġġ effikaċi tal-liċenzji maħruġa, li jiddependi min-notifika ta' tagħrif lill-Kummissjoni mill-Istati Membri, għandu jingħata perjodu ta' stennija qabel ma jinħarġu l-liċenzji. Sabiex jiġi żgurat it-tħaddim bla xkiel tal-arranġamenti u, b'mod partikolari, allokazzjoni ekwitabbli tal-kwantitajiet disponibbli fil-limiti stipulati bil-Ftehim dwar l-Agrikoltura, għandhom jiġu stipulati diversi miżuri ta' ġestjoni u, b'mod partikolari, għandu jkun hemm dispożizzjoni għall-ħruġ tal-liċenzji li jiġu sospiżi u għall-koeffiċjenti tal-allokazzjoni li għandu jiġi applikat għall-kwantitajiet li għalihom issir applikazzjoni, fejn meħtieġ.

(12) L-esportazzjoni tal-prodotti fil-kuntest ta' ħidmiet ta' għajnuna għall-ikel, għandhom ikunu esklużi minn ċerti dispożizzjonijiet fir-rigward tal-ħruġ tal-liċenzji tal-esportazzjoni.

(13) Il-metodu għall-iffissar tar-rifużjoni fuq prodotti tal-ħalib li jkollhom iz-zokkor miżjud u li l-prezz tagħhom jiġi ddeterminat skont il-prezz tal-ingredjenti, għandu jiġi stipulat skont il-perċentwali tal-ingredjenti li jkun fihom. Madankollu, sabiex tiġi ffaċilitata l-ġestjoni tar-rifużjonijiet għal dawn il-prodotti, u b'mod partikolari l-miżuri li jiżguraw konformità mal-impenji fir-rigward tal-esportazzjonijiet fil-kuntest tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura, għandha tiġi stabbilita kwantità massima għas-sukrożju inkorporat li għalih tista' tingħata rifużjoni. Tlieta u erbgħin fil-mija tal-piż tal-prodott kollu għandu jitqies bħala rappreżentattiv tal-kontenut tas-sukrożju tat-tali prodotti.

(14) L-Artikolu 12(5)(c) tar-Regolament (KE) Nru 612/2009 jipprovdi li rifużjonijiet jistgħu jingħataw għall-ingredjenti li joriġinaw mill-Komunità f'ġobon proċessat immanifatturat skont l-arranġamenti dwar l-ipproċessar intern. Ċerti regoli speċjali huma meħtieġa sabiex ikun żgurat li din il-miżura speċifika taħdem kif suppost u tkun tista' tiġi ċċekkjata b'mod effikaċi.

(15) Skont il-Ftehim konklużż bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada ([1]), approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/591/KE ([2]), il-liċenzji tal-esportazzjoni maħruġa mill-Komunità għandhom jiġu ppreżentati għal ġobon li jikkwalifika għal termini preferenzjali għall-importazzjoni fil-Kanada. Għandhom jiġu stipulati regoli dettaljati għall-ħruġ ta' liċenzji bħal dawn.

(16) Il-Komunità għandha l-għażla li tinnomina liema importaturi jistgħu jimpurtaw ġobon tal-Komunità fl-Istati Uniti taħt il-kwota addizzjonali b'riżultat tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura. Għalhekk, sabiex il-Komunità tisfrutta kemm jista' jkun il-valur tal-kwota, għandha tiġi stipulata proċedura biex jiġu nnominati l-importaturi abbażi tal-allokazzjoni tal-liċenzji tal-esportazzjoni għall-prodotti konċernati.

([1]) ĠU L 334, 30.12.1995, p. 33.
([2]) ĠU L 334, 30.12.1995, p. 25.

▼B

(17) Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-Cariforum, min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra ([1]), li l-firma u l-applikazzjoni provviżorja tiegħu ġew approvati bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/805/KE ([2]) jipprovdi sabiex il-Komunità timmaniġġa s-sehem tagħha tal-kwota tariffarja skont mekkaniżmu ta' liċenzji tal-esportazzjoni. Għaldaqstant għandha titfassal il-proċedura għall-għoti tal-liċenzji. Sabiex jiġi żgurat li l-prodotti importati fir-Repubblika Domenikana huma inklużi fil-kwota, u sabiex tinħoloq rabta bejn il-prodotti importati u dawk indikati fuq il-liċenzja tal-esportazzjoni, meta tkun se ssir l-importazzjoni l-esportaturi għandhom jippreżentaw kopja ċertifikata tad-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni, li għandha tinkludi ċertu tagħrif.

(18) Fir-rigward ta' dik il-kwota, l-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 1282/2006 jipprovdi għall-kriterji tal-eliġibbiltà applikabbli sabiex l-applikazzjonijiet għal-liċenzji jiġu ppreżentati taħt iż-żewġ partijiet tal-kwota. L-applikazzjonijiet taħt il-parti (b) tal-kwota jistgħu jiġu ppreżentati għal kwantità fissa, irrispettivament mir-rendiment tan-negozju. L-għadd ta' applikanti taħt il-parti (a) tal-kwota qiegħed jiżdied b'mod stabbli u l-kwantità li għaliha jistgħu jiġu ppreżentati applikazzjonijiet tiddependi fuq ir-rendiment tal-esportazzjoni tul is-snin li għaddew. Minħabba l-provvista żejda ta' trab tal-ħalib fis-suq dinji tul dawn l-aħħar snin, il-kwantità importata mir-Repubblika Domenikana li oriġinat fil-Komunità naqset, u dan irriżulta fi kwantitajiet ta' rendiment baxx li għalihom jistgħu jiġu ppreżentati applikazzjonijiet taħt il-parti (a). Huwa għalhekk xieraq li l-applikanti eliġibbli taħt il-parti (a) jkunu jistgħu jagħżlu l-parti (b). Madankollu, applikazzjonijiet taħt iż-żewġ partijiet tal-kwota għandhom jiġu esklużi.

(19) Sabiex jiġi sfruttat l-użu tal-kwota u sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-esportaturi, id-deroga li tippermetti l-użu tal-liċenzja tal-esportazzjoni għal prodott kopert b'kodiċi tal-prodotti bi 12-il-figura barra dak indikat fil-kaxxa 16 tal-liċenzja jekk l-istess ammont tar-rifużjoni tal-esportazzjoni jingħata liż-żewġ prodotti u jekk iż-żewġ prodotti jinsabu fl-istess kategorija tal-prodotti, jew jekk iż-żewġ prodotti jinsabu fl-istess grupp ta' prodotti, għandha tapplika wkoll għall-esportazzjoni tar-Repubblika Domenikana.

(20) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

([1]) ĠU L 289, 30.10.2008, p. 3.
([2]) ĠU L 289, 30.10.2008, p. 1.

▼B

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

REGOLI PRELIMINARI

Artikolu 1

Dan ir-Regolament jistipula li:

(a) ir-regoli ġenerali dwar il-liċenzji u r-rifużjonijiet għall-esportazzjoni mill-Komunità tal-prodotti elenkati fil-Parti XVI tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007;

(b) ir-regoli speċifiċi dwar l-esportazzjoni tal-prodotti msemmija fil-punt (a) mill-Komunità lejn ċerti pajjiżi terzi.

Artikolu 2

Għandhom japplikaw ir-Regolamenti (KE) Nru 376/2008 u (KE) Nru 612/2009, għajr meta jkun ipprovdut mod ieħor f'dan ir-Regolament.

KAPITOLU II

REGOLI ĠENERALI

Artikolu 3

Biex tingħata rifużjoni, il-prodotti elenkati fil-Parti XVI tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 u (KE) Nru 853/2004, notevolment il-preparazzjoni fi stabbiliment approvat u l-konformità mar-rekwiżiti tal-marki tal-identifikazzjoni speċifikati fit-Taqsima I tal-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

Artikolu 4

1. Ir-rifużjoni li għandha titħallas għandha tkun ir-rata valida fil-jum li fih tkun saret l-applikazzjoni għal-liċenzji tal-esportazzjoni jew, meta jkun il-każ, meta tiġi ppreżentata l-liċenzja provviżorja.

2. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji fejn ir-rifużjonijiet ikunu ġew iffissati minn qabel, għall-prodotti msemmija fil-Parti XVI tal-Anness I għar-Regolamenti (KE) Nru 1234/2007, li ġew ippreżentati, skont it-tifsira tal-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, l-Erbgħa u l-Ħamis ta' wara t-tmiem ta' kull perjodu tal-offerti kif imsemmi fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 619/2008 [1] għandhom jitqiesu li jkunu ġew sottomessi fil-jum tax-xogħol ta' wara l-Ħamis.

[1] ĠU L 168, 28.6.2008, p. 20.

▼B

3. It-taqsima 7 tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji u tal-liċenzji għandha turi l-pajjiż destinatarju u l-kodiċi tal-pajjiż jew it-territorju destinatarju, kif indikat fin-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji għall-istatistika tal-kummerċ estern tal-Komunità u għall-istatistika tal-kummerċ bejn l-Istati Membri, stipulata fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 ([1]).

Artikolu 5

1. Il-kategoriji tal-prodotti kif imsemmija fil-Ftehim dwar l-Agrikoltura konkluż matul l-Assemblea tal-Urugwaj tan-negozjati kummerċjali tal-GATT (minn hawn 'il quddiem il-"Ftehim dwar l-Agrikoltura") għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

2. Il-gruppi tal-prodotti kif imsemmija fit-tieni inċiż tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 612/2009 għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Anness II għal dan ir-Regolament.

Artikolu 6

1. It-taqsima 16 tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji u l-liċenzji għandha turi l-kodiċi tal-prodott bi 12-il figura tan-nomenklatura għar-rifużjonijiet, fejn tintalab rifużjoni, jew il-kodiċi tal-prodott ta' tmien ċifri fin-Nomenklatura Magħquda fejn ma tintalab l-ebda rifużjoni. Il-liċenzji għandhom ikunu validi għal dak il-prodott biss għajr fil-każ speċifikat fil-paragrafi 2 u 3.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, liċenzja tal-esportazzjoni għandha tkun valida għall-esportazzjoni ta' prodott b'kodiċi bi 12-il figura għajr dak indikat fil-kaxxa 16 tal-liċenzja jekk l-istess ammont ta' rifużjoni tal-esportazzjoni jingħata għaż-żewġ prodotti u jekk iż-żewg prodotti jinsabu fl-istess kategorija tal-prodotti kif imsemmi fl-Anness I.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, liċenzja tal-esportazzjoni għandha tkun valida wkoll għall-esportazzjoni ta' prodott b'kodiċi bi 12-il figura għajr dak indikat fil-kaxxa 16 tal-liċenzja jekk iż-żewg prodotti jinsabu fl-istess grupp tal-prodotti kif imsemmi fl-Anness II.

F'dan il-każ, ir-rifużjonijiet għandhom jiġu kkalkulati skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 612/2009.

Artikolu 7

Il-liċenzji tal-esportazzjoni għandhom ikunu validi mid-data tal-ħruġ, skont it-tifsira tal-Artikolu 22(1) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, sa:

(a) l-aħħar tar-raba' xahar ta' wara l-ħruġ fil-każ ta' prodotti li jinsabu fil-kodiċi tan-NM 0402 10;

(b) l-aħħar tar-raba' xahar ta' wara l-ħruġ fil-każ ta' prodotti li jinsabu fil-kodiċi tan-NM 0405;

([1]) ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19.

▼B

(c) l-aħħar tar-raba' xahar ta' wara l-ħruġ fil-każ ta' prodotti li jinsabu fil-kodiċi tan-NM 0406;

(d) l-aħħar tar-raba' xahar ta' wara l-ħruġ għall-prodotti l-oħra msemmija fil-Parti XVI tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007;

(e) id-data li sa fiha l-obbligi li jirriżultaw minn sejħiet għall-offerti msemmija fl-Artikolu 8(1) ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu ssodisfati u sa mhux aktar tard mill-aħħar tat-tmien xahar ta' wara l-ħruġ tal-liċenzja tal-esportazzjoni sħiħa msemmija fl-Artikolu 8(3) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 8

1. Fil-każ ta' sejħa għall-offerti maħruġa minn korp pubbliku f'pajjiż terz kif imsemmi fl-Artikolu 47(1) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, għajr sejħiet għall-offerti li jikkonċernaw prodotti li jinsabu fil-kodiċi tan-NM 0406, l-operaturi jistgħu japplikaw għal liċenzja tal-esportazzjoni provviżorja għall-kwantità koperta bl-offerta tagħhom bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata garanzija.

Il-garanzija għal-liċenzji provviżorji għandha tkun ekwivalwenti għal 75 % tal-ammont ikkalkulat skont l-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament, b'minimu ta' EUR 5/100 kg.

L-operaturi għandhom jagħtu prova li l-korp li joħroġ is-sejħa għall-offerti huwa pubbliku jew soġġett għal-liġi pubblika.

2. Il-liċenzji provviżorji għandhom jinħarġu fil-ħames jum tax-xogħol ta' wara dak li fih tiġi ppreżentata l-applikazzjoni, sakemm il-miżuri kif imsemmija fl-Artikolu 10(2) ma jkunux ġew adottati.

3. B'deroga mill-Artikolu 47(5) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, il-perjodu għas-sottomissjoni tal-tagħrif imsemmi f'dak il-paragrafu għandu jkun ta' 60 jum.

Qabel it-tmiem ta' dak il-perjodu, l-operaturi għandhom japplikaw għal-liċenzja tal-esportazzjoni sħiħa, li għandha tinħareġ wara li tingħata prova li dawn ikunu rebħu kuntratt.

Malli tingħata l-prova li l-offerta tkun ġiet irrifjutata jew li l-kwantità mogħtija bil-kuntratt tkun anqas minn dik indikata fil-liċenzja provviżorja, il-garanzija kollha jew parti minnha għandha tiġi rrilaxxata kif xieraq.

4. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji msemmija fil-paragrafi 2 u 3 għandhom jiġu sottomessi skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 376/2008.

5. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 10, għandhom japplikaw għal-liċenzji tal-esportazzjoni sħaħ.

6. Il-pajjiż destinatarju msemmi fl-Artikolu 4(3) għandu jkun destinazzjoni obbligatorja għall-finijiet tal-Artikolu 26(5) tar-Regolament (KE) Nru 612/2009 għal-liċenzji maħruġa skont dan l-Artikolu.

▼B

Artikolu 9

Il-garanzija msemmija fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008 għandha tkun daqs il-perċentwali tar-rifużjoni ffissata għal kull kodiċi tal-prodotti applikabbli fil-jum li fih tiġi ppreżentata l-applikazzjoni għal-liċenzja tal-esportazzjoni, kif ġej:

(a) 15 % għall-prodotti koperti bil-kodiċi tan-NM 0405;

(b) 15 % għall-prodotti koperti bil-kodiċi tan-NM 0402 10;

(c) 15 % għall-prodotti koperti bil-kodiċi tan-NM 0406;

(d) 15 % għall-prodotti l-oħra msemmija fil-Parti XVI tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

Madankollu, il-garanzija ma tistax tkun anqas minn EUR 5/100 kg.

L-ammont tar-rifużjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jkun dak ikkalkulat għall-kwantità totali tal-prodott konċernat, għajr għall-prodotti tal-ħalib li jkun fihom iz-zokkor miżjud.

Għall-prodotti tal-ħalib li jkun fihom iz-zokkor miżjud, l-ammont tar-rifużjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jkun daqs il-kwantità totali tal-prodott kollu konċernat, immultiplikat bir-rata tar-rifużjoni applikabbli għal kull kilogramma tal-prodott tal-ħalib.

Artikolu 10

▼M1

1. Il-liċenzji tal-esportazzjoni bl-iffissar bil-quddiem tar-rifużjoni, għandhom jinħarġu fil-ħames jum tax-xogħol ta' wara l-jum meta jiġu sottomessi l-applikazzjonijiet, sakemm il-kwantitajiet li għalihom ikunu saru applikazzjonijiet għal liċenzji jkunu ġew notifikati skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 479/2010 ([1]) u li l-miżuri msemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu ma jkunux ġew adottati.

▼B

2. Fejn il-ħruġ tal-liċenzji tal-esportazzjoni jirriżulta jew jista' jirriżulta fil-qbiż tal-ammonti tal-baġit disponibbli jew fl-użu sħiħ tal-kwantitajiet massimi li jistgħu jiġu esportati b'rifużjoni matul il-perjodu konċernat ta' 12-il xahar jew matul perjodu iqsar li jiġi ddeterminat skont l-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament, b'kunsiderazzjoni tal-Artikolu 169 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, jew ma jippermettix li titkompla l-esportazzjoni tul il-bqija tal-perjodu, il-Kummissjoni tista', mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 195(1) ta' dak ir-Regolament:

(a) tapplika koeffiċjent ta' allokazzjoni għall-kwantitajiet li għalihom tkun saret applikazzjoni;

(b) tirrifjuta l-applikazzjonijiet pendenti kollha jew uħud minnhom li għalihom il-liċenzji tal-esportazzjoni jkunu għadhom ma nħarġux;

(c) tissospendi l-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji għal massimu ta' ħamest ijiem tax-xogħol; is-sospensjoni tista' tittawwal aktar skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

([1]) ĠU L 135, 2.6.2010, p. 26.

▼B

Fejn il-koeffiċjent imsemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu jkun inqas minn 0.4, l-applikanti jistgħu, fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni li tiffissa l-koeffiċjent, jitolbu li l-liċenzja tal-applikazzjoni tagħhom tiġi kkanċellata u jitolbu r-rilaxx tal-garanzija tagħhom.

Fil-każ imsemmi fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu, l-applikazzjonijiet għal-liċenzji li jkunu ġew sottomessi matul il-perjodu ta' sospensjoni għandhom ikunu invalidi.

Il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu jistgħu jiġu implimentati jew immodulati skont il-kategorija tal-prodotti u skont id-destinazzjoni jew il-grupp tad-destinazzjonijiet.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, fir-rigward tal-prodott konċernat, għandha titqies in-natura staġunali tal-kummerċ, il-qagħda tas-suq u b'mod partikolari x-xejra fil-prezzijiet tas-suq u l-kundizzjonijiet tal-esportazzjoni li jirriżultaw minnhom.

3. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 2 jistgħu wkoll jiġu adottati fejn l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-esportazzjoni jkunu relatati ma' kwantitajiet li jaqbżu jew li jistgħu jaqbżu l-kwantitajiet normali disponibbli għal destinazzjoni waħda jew grupp ta' destinazzjonijiet, u fejn il-ħruġ tal-liċenzji mitluba jkun jista' joħloq riskju ta' spekulazzjoni, tgħawwiġ tal-kompetizzjoni bejn l-operaturi, jew tfixkil fil-kummerċ konċernat jew fis-suq Komunitarju.

4. Jekk l-applikazzjonijiet għal-liċenzji jiġu rrifjutati jew il-kwantitajiet li għalihom tkun saret applikazzjoni jitnaqqsu, il-garanzija għandha tiġi rilaxxata minnufih għall-kwantitajiet kollha li ma jkunux ġew aċċettati applikazzjonijiet għalihom.

Artikolu 11

Fejn il-kwanitità totali koperta bl-applikazzjonijiet għal-liċenzji sottomessi tkun tali li jkun hemm riskju ta' użu sħiħ bikri tal-kwantitajiet massimi li jistgħu jiġu esportati b'rifużjoni tul il-perjodu konċernat ta' 12-il xahar, jista' jiġi deċiż, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, li dawk il-kwantitajiet massimi jiġu allokati fuq perjodi li għandhom jiġu stabbiliti.

Artikolu 12

Meta l-ammont esportat jaqbeż dak muri fil-liċenzja, l-ebda rifużjoni ma għandha titħallas fuq l-ammont żejjed.

Għal dak il-għan, it-taqsima 22 tal-liċenzji għandha tinkludi l-kliem: "Il-ħlas tar-rifużjoni huwa ristrett għall-kwantità murija fit-taqsimiet 17 u 18".

Artikolu 13

L-Artikolu 10 ma għandux japplika għall-ħruġ ta' liċenzji tal-esportazzjoni għall-fornimenti ta' għajnuna għall-ikel skont l-Artikolu 10(4) tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura.

▼B

Artikolu 14

1. Għall-prodotti tal-ħalib li jkun fihom zokkor miżjud, ir-rifużjoni għandha tkun ekwivalenti għas-somma tal-komponenti li ġejjin:

(a) komponent li jirrappreżenta l-kwantità tal-prodott tal-ħalib;

(b) komponent li jirrappreżenta l-kwantità ta' sukrożju miżjuda, sa massimu ta' 43 % skont il-piż tal-prodott sħiħ.

2. Il-komponent imsemmi fil-paragrafu 1(a) għandu jiġi kkalkulat billi l-ammont fiss tar-rifużjoni jiġi mmultiplikat bil-perċentwali tal-kontenut tal-prodott tal-ħalib fil-prodott sħiħ.

3. Il-komponent imsemmi fil-paragrafu 1(b) għandu jiġi kkalkulat billi jiġi mmultiplikat il-kontentut ta' sukrożju tal-prodott sħiħ, sa massimu ta' 43 %, bl-ammont bażiku tar-rifużjoni applikabbli fil-jum li tiġi sottomessa l-applikazzjoni għal-liċenzja għall-prodotti elenkati fil-punt (c) tal-Parti III tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

Artikolu 15

1. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-esportazzjoni għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib esportati bħala prodotti koperti bil-kodiċi tan-NM 0406 30 kif imsemmi fl-Artikolu 12(5)(c) tar-Regolament (KE) Nru 612/2009 għandu jkollhom mehmuż magħhom kopja tal-awtorizzazzjoni biex jużaw il-proċedura doganali rilevanti.

2. It-taqsima 20 tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji u tal-liċenzji għall-esportazzjoni tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi referenza għal dan l-Artikolu.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa skont il-proċedura doganali msemmija fil-paragrafu 1 biex jidentifikaw u jikkontrollaw il-kwalità u l-kwantità tal-prodotti msemmija f'dak il-paragrafu li għalihom tkun saret applikazzjoni għal rifużjoni u biex japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar id-dritt għar-rifużjoni.

KAPITOLU III

REGOLI SPEĊIFIĊI

TAQSIMA 1

Esportazzjoni lejn il-Kanada

Artikolu 16

1. Liċenzja tal-esportazzjoni għandha tkun meħtieġa għall-esportazzjoni tal-ġobon lejn il-Kanada skont il-kwota msemmija fil-Ftehim konkluż bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada approvat bid-Deċiżjoni 95/591/KE.

2. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji għandhom ikunu ammissibbli biss meta l-applikanti:

(a) jiddikjaraw bil-miktub li l-materjal kollu skont il-Kapitolu 4 tan-Nomenklatura Magħquda u użat fil-manifattura tal-prodotti koperti bl-applikazzjoni tagħhom ikun ġie prodott għal kollox fil-Komunità;

▼B

(b) jiggarantixxu bil-miktub li jipprovdu, fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti, kwalunkwe prova oħra li dawn tal-aħħar iqisu meħtieġa għall-ħruġ tal-liċenzji u li jaċċettaw, fejn applikabbli, kwalunkwe kontroll minn dawk l-awtoritajiet taż-żamma tal-kotba u l-kundizzjonijiet tal-manifattura tal-prodotti konċernati.

Artikolu 17

L-applikazzjonijiet għal-liċenzji u l-liċenzji għandhom juru:

(a) fit-taqsima 7, il-kliem "KANADA — CA";

(b) fit-taqsima 15, id-deskrizzjoni ta' sitt ċifri tal-oġġetti skont in-Nomenklatura Magħquda għall-prodotti koperti bil-kodiċi tan-NM 0406 10, 0406 20, 0406 30 u 0406 40 u d-deskrizzjoni ta' tmien ċifri għall-prodotti koperti bil-kodiċi tan-NM 0406 90. It-taqsima 15 tal-applikazzjonijiet u l-liċenzji ma jistax ikollha aktar minn sitt prodotti deskritti b'dan il-mod;

(c) fit-taqsima 16, il-kodiċi tan-NM ta' tmien ċifri u l-kwantità f'kilogrammi għal kull wieħed mill-prodotti msemmija fit-taqsima 15. Il-liċenzja għandha tkun valida biss għall-prodotti u l-kwantitajiet stabbiliti b'dan il-mod;

(d) fit-taqsimiet 17 u 18, il-kwantità totali tal-prodotti msemmija fit-taqsima 16;

(e) fit-taqsima 20, waħda mill-entrati li ġejjin, kif xieraq:

— "Ġobnijiet għall-esportazzjoni diretta lejn il-Kanada. L-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1187/2009 Kwota għal … (sena)",

— "Ġobnijiet għal esportazzjoni diretta/via New York lejn il-Kanada. L-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1187/2009 Kwota għal … (sena)".

Meta l-ġobon jiġi ttrasportat lejn il-Kanada permezz ta' pajjiżi terzi, it-tali pajjiżi għandhom jiġu indikati minflok, jew ma', referenza għal New York;

(f) fit-taqsima 22, il-kliem "mingħajr rifużjoni tal-esportazzjoni".

Artikolu 18

1. Il-liċenzji għandhom jinħarġu immedjatament wara li jiġu sottomessi l-applikazzjonijiet ammissibli. Fuq talba tal-applikanti, għandha tinħareġ kopja ċertifikata tal-liċenzja.

2. Il-liċenzji għandhom ikunu validi mid-data tal-ħruġ tagħhom skont it-tifsira tal-Artikolu 22(1) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008 sal-31 ta' Diċembru wara dik id-data.

Madankollu, il-liċenzji li jinħarġu mill-20 ta' Diċembru sal-31 ta' Diċembru għandhom ikunu validi mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru tas-sena ta' wara. F'dak il-każ dik is-sena ta' wara għandha tiġi indikata fit-taqsima 20 tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji u tal-liċenzji skont l-Artikolu 17(e) ta' dan ir-Regolament.

▼B

Artikolu 19

1. Il-liċenzji tal-esportazzjoni ppreżentati lill-awtorità kompetenti għall-attribuzzjoni u l-approvazzjoni skont l-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 376/2008 jistgħu jintużaw għal dikjarazzjoni tal-esportazzjoni waħda biss. Il-liċenzji għandhom jintużaw ladarba d-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni tkun ġiet ippreżentata.

2. Id-detenturi tal-liċenzji għall-esportazzjoni għandhom jiżguraw li kopja ċertifikata tal-liċenzja tal-esportazzjoni tiġi ppreżentata lill-awtorità kompetenti Kanadiża meta ssir l-applikazzjoni għal-liċenzja tal-importazzjoni.

3. B'deroga mill-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, il-liċenzji ma għandhomx ikunu trasferibbli.

Artikolu 20

Il-Kapitolu II ma għandux japplika.

▼M4

TAQSIMA 2

Esportazzjonijiet lejn l-Istati Uniti

Artikolu 21

Prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0406 għandhom ikunu suġġetti għal preżentazzjoni ta' liċenzja tal-esportazzjoni skont din it-Taqsima meta jkunu esportati lejn l-Istati Uniti fil-kuntest tal-kwoti li ġejjin:

(a) il-kwota addizzjonali skont il-Ftehim dwar l-Agrikoltura;

(b) il-kwoti tariffarji li oriġinarjament jirriżultaw mill-Assemblea ta' Tokjo u jingħataw lill-Awstrija, lill-Finlandja u lill-Isvezja mill-Istati Uniti fil-lista XX tal-Assemblea tal-Urugwaj;

(c) il-kwoti tariffarji li oriġinarjament jirriżultaw mill-Assemblea tal-Urugwaj u jingħataw lir-Repubblika Ċeka, lill-Ungerija, lill-Polonja u lis-Slovakkja mill-Istati Uniti fil-lista XX tal-Assemblea tal-Urugwaj.

Artikolu 22

1. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji għandhom jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet kompetenti mill-1 sal-10 ta' Settembru tas-sena li tippreċedi s-sena tal-kwota u li għaliha jkunu allokati l-liċenzji tal-esportazzjoni. L-applikazzjonijiet kollha għandhom jiġu ppreżentati fl-istess ħin lill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru wieħed.

Il-kwoti tariffarji, imsemmija fl-Artikolu 21, jinfetħu fuq bażi annwali għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru.

It-Taqsima 16 tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji u l-liċenzji għandha turi l-kodiċi tal-prodotti ta' tmien ċifri tan-Nomenklatura Magħquda. Madankollu, il-liċenzji għandhom ikunu validi wkoll għal kwalunkwe kodiċi ieħor taħt il-kodiċi NM 0406.

L-applikazzjoni għal-liċenzja u l-liċenzja, fit-taqsima 20, għandu jkun fihom dan li ġej:

"Għall-esportazzjoni lejn l-Istati Uniti tal-Amerika:

Il-kwota għal … (sena) — it-Taqsima 2 tal-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1187/2009.

Identifikazzjoni tal-Kwota ……"

▼M4

2. Għal kull kwota identifikata fil-kolonna (3) tal-Anness IIa, kull applikant jista' jippreżenta applikazzjoni għal liċenzja waħda jew aktar sakemm il-kwantità totali li għaliha tkun saret applikazzjoni għal kull kwota ma taqbiżx il-limiti massimi stabbiliti fl-Artikolu 22a.

Għal dan il-għan, fejn, għall-istess grupp ta' prodotti msemmija fil-kolonna (2) tal-Anness IIa, il-kwantità disponibbli fil-kolonna (4) tinqasam bejn il-kwotà tal-Assemblea tal-Urugwaj u l-kwota tal-Assemblea ta' Tokjo, iż-żewġ kwoti jridu jitqiesu bħala żewġ kwoti separati.

3. L-applikazzjonijiet huma suġġetti għall-preżentazzjoni ta' garanzija skont l-Artikolu 9.

4. L-applikanti għal-liċenzji tal-esportazzjoni għandhom jipprovdu evidenza li esportaw il-prodotti tal-kwota inkwistjoni lejn l-Istati Uniti matul, mill-inqas, sena waħda mit-tliet snin kalendarji preċedenti u li l-importatur innominat tagħhom huwa sussidjarju tal-applikant.

Il-prova ta' kummerċ kif imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tingħata skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 ([1]).

5. L-applikanti għal-liċenzji tal-esportazzjoni għandhom jindikaw fl-applikazzjonijiet:

(a) id-denominazzjoni tal-grupp tal-prodotti kopert mill-kwota tal-Istati Uniti skont in-Noti Addizzjonali 16 sa 23 u 25 fil-Kapitolu 4 tal-Iskeda tat-Tariffi Armonizzati tal-Istati Uniti;

(b) l-ismijiet tal-prodotti skont l-Iskeda tat-Tariffi Armonizzati tal-Istati Uniti;

(c) l-isem u l-indirizz tal-importatur fl-Istati Uniti nnominat mill-applikant.

6. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-esportazzjoni għandu jkollhom mehmuż magħhom dikjarazzjoni mill-importatur innominat li fiha jiddikjara li huwa eliġibbli skont ir-regoli fis-seħħ fl-Istati Uniti dwar il-kwistjoni tal-liċenzji tal-importazzjoni għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 21.

7. L-applikazzjonijiet għandhom ikunu ammissibbli biss jekk ikunu jirrispettaw il-limiti tal-kwantità massima, ikunu jinkludu l-informazzjoni kollha u jkunu akkumpanjati mid-dokumenti msemmija f'dan l-Artikolu.

8. L-informazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu għandha tiġi preżentata skont il-mudell stipulat fl-Anness II*b*.

Artikolu 22a

Fir-rigward tal-kwoti identifikati bħala 22-Tokjo, 22-Urugwaj, 25-Tokjo u 25-Urugwaj fil-kolonna (3) tal-Anness II*a*, il-kwantità totali li għaliha tkun saret applikazzjoni għal kull applikant u għal kull kwota għandha tkopri mill-inqas 10 tunnellati u ma għandhiex taqbeż il-kwantità disponibbli taħt il-kwota kkonċernata stipulata fil-kolonna (4) ta' dak l-Anness.

([1]) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.

▼M4

Fir-rigward tal-kwoti l-oħra indikati fil-kolonna (3) tal-Anness II*a*, il-kwantità totali li għaliha tkun saret applikazzjoni għal kull applikant u għal kull kwota għandha tkopri mill-inqas 10 tunnellati u mhux iktar minn 40 % tal-kwantità disponibbli taħt il-kwota konċernata stipulata fil-kolonna (4) ta' dak l-Anness.

Artikolu 22b

1. Sat-18 ta' Settembru, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-applikazzjonijiet ippreżentati għal kull kwota identifikata fl-Anness IIa, jew li ma jkunux ġew ippreżentati applikazzjonijiet.

2. Għal kull kwota, in-notifika għandha tinkludi:

(a) lista tal-applikanti, isimhom, l-indirizz u n-numru ta' referenza;

(b) il-kwantitajiet li kull applikant ikun applika għalihom, imqassma skont il-kodiċi tal-prodott tan-Nomenklatura Magħquda u skont il-kodiċi tagħhom f'konformità mal-Iskeda tat-Tariffi Armonizzati tal-Istati Uniti tal-Amerika;

(c) l-isem, l-indirizz u n-numru ta' referenza tal-importatur innominat mill-applikant.

Artikolu 23

1. Fejn l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-esportazzjoni għal kwota msemmija fl-Artikolu 21 jaqbżu l-kwantità disponibbli għas-sena konċernata, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi koeffiċjent ta' allokazzjoni sal-31 ta' Ottubru.

L-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-koeffiċjent għandu jinġieb sal-eqreb kg.

Fil-każ ta' applikazzjonijiet li jiġu rrifjutati jew għal kwantitajiet li jaqbżu l-limitu tal-allokazzjoni, il-garanziji għandhom jiġu rrilaxxati sħaħ jew għandha tiġi rrilaxxata parti minnhom.

2. Fejn ir-riżultat tal-applikazzjoni tal-koeffiċjent ta' allokazzjoni jkun li jiġu allokati kwantitajiet għal anqas minn 10 tunnellati għal kull kwota u kull applikant, il-kwantitajiet korrispondenti disponibbli għandhom jingħataw billi jittellgħu bix-xorti mill-Istat Membru konċernat, skont il-kwota. L-Istat Membru għandu jtella' bix-xorti għal 10 tunnellati għal kull wieħed mill-applikanti li kienu se jiġu allokati anqas minn 10 tunnellati għal kull kwota b'riżultat tal-applikazzjoni tal-koeffiċjent ta' allokazzjoni.

Il-kwantitajiet ta' anqas minn 10 tunnellati li jibqgħu meta jiġu stabbiliti l-lottijiet għandhom jitqassmu ndaqs bejn il-lottijiet ta' 10 tunnellati qabel ma jittellgħu bix-xorti.

Meta r-riżultat tal-applikazzjoni tal-koeffiċjent ta' allokazzjoni jkun tali li titħalla kwantità ta' anqas minn 10 tunnellati għal kull kwota, dik il-kwantità għandha titqies bħala lott uniku.

Il-garanzija, għall-applikazzjonijiet li fl-allokazzjoni ma jitilgħux bix-xorti, għandha tiġi rrilaxxata minnufih.

3. L-Istati Membri konċernati bit-tlugħ bix-xorti għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol wara l-pubblikazzjoni tal-koeffiċjent ta' allokazzjoni, u għal kull kwota, bil-kwantitajiet allokati mill-applikant, bil-kodiċi tal-prodott, bin-numru ta' referenza tal-applikant u n-numru ta' referenza tal-importatur innominat.

Il-kwantitajiet allokati bix-xorti għandhom jitqassmu bejn il-kodiċi NM individwali fi proporzjon mal-kwantitajiet tal-prodotti bil-kodiċi NM li saret applikazzjoni għalihom.

▼M4

4. Fejn l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-esportazzjoni għall-kwoti msemmija fl-Artikolu 21 ma jaqbżux il-kwantità disponibbli għas-sena konċernata, il-Kummissjoni għandha talloka l-kwantitajiet li jifdal lill-applikanti b'mod li jkun proporzjonat għall-kwantitajiet li għalihom ikunu applikaw, billi jiġi ffissat koeffiċjent ta' allokazzjoni. L-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-koeffiċjent għandu jinġieb sal-eqreb kg.

F'dak il-każ, l-operaturi għandhom jgħarrfu lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru konċernat dwar il-kwantità supplementari li huma jaċċettaw, fi żmien ġimgħa mill-pubblikazzjoni tal-koeffiċjent ta' allokazzjoni. Il-garanzija preżentata għandha tiżdied skont dan.

Artikolu 24

1. L-ismijiet tal-importaturi nnominati msemmija fl-Artikolu 22(5)(c) u l-kwantitajiet allokati għandhom jiġu kkomunikati mill-Kummissjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Uniti.

2. Fil-każ li ma tiġix allokata liċenzja tal-importazzjoni għall-kwantitajiet konċernati lill-importatur innominat, f'ċirkostanzi li ma jixħtu l-ebda dubju fuq ir-rieda tajba tal-operatur li jissottometti d-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 22(6), l-operatur jista' jiġi awtorizzat mill-Istat Membru li jinnomina importatur ieħor sakemm dan tal-aħħar ikun jidher fuq il-lista kkomunikata lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Uniti skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. L-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni malajr kemm jista' jkun bil-bidla fl-importatur innominat u l-Kummissjoni għandha tinnotifika din il-bidla lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Uniti.

Artikolu 25

1. Il-liċenzji tal-esportazzjoni għandhom jinħarġu sal-15 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel is-sena tal-kwota għall-kwantitajiet li għalihom jkunu ġew allokati l-liċenzji.

Il-liċenzji għandhom ikunu validi mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru tas-sena tal-kwota.'

It-Taqsima 20 tal-liċenzji għandha tinkludi dan li ġej:

"valida mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru ..... (sena)."

2. Il-garanziji għal-liċenzji tal-esportazzjoni għandhom jiġu rilaxxati meta tiġi ppreżentata l-prova msemmija fl-Artikolu 32(2) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008 flimkien mad-dokument tat-trasport imsemmi fl-Artikolu 17(3) tar-Regolament (KE) Nru 612/2009 fejn l-Istati Uniti tal-Amerika jitniżżel bħala d-destinazzjoni.

3. Il-liċenzji li jinħarġu skont dan l-Artikolu għandhom ikunu validi biss għall-esportazzjonijiet tal-prodotti fil-kuntest tal-kwoti msemmija fl-Artikolu 21.

Artikolu 26

Il-Kapitolu II għandu japplika, għajr l-Artikoli 7 u 10.

▼B

TAQSIMA 3

Esportazzjonijiet lejn ir-Repubblika Domenikana

Artikolu 27

1. Il-preżentazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Domenikana ta' kopja ċertifikata tal-liċenzja tal-esportazzjoni maħruġa skont din it-Taqsima u kopja, approvata kif xieraq, tad-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni għal kull kunsinna, ikunu meħtieġa għall-esportazzjoni lejn ir-Repubblika Domenikana tat-trab tal-ħalib skont il-kwota pprovduta fl-Appendiċi 2 tal-Anness III għall-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-Cariforum u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha.

2. ►M3 L-applikazzjonijiet għal-liċenzji jistgħu jitressqu għall-prodotti kollha li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM 0402 10, 0402 21 u 0402 29. ◄

Jeħtieġ li l-prodotti jkunu ġew prodotti għal kollox fil-Komunità. Fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti, l-applikanti għandhom jipprovdu kwalunkwe prova oħra li l-awtoritajiet jqisu li tkun meħtieġa għall-ħruġ tal-liċenzji u għandhom jaċċettaw, fejn ikun applikabbli, kwalunkwe kontrolli minn dawk l-awtoritajiet taż-żamma tal-kotba u tal-kundizzjonijiet tal-manifattura tal-prodotti konċernati.

Artikolu 28

1. Il-kwota msemmija fl-Artikolu 27(1) tkun ta' 22 400 tunnellata għal kull perjodu ta' 12-il xahar li jibdew fl-1 ta' Lulju. Il-kwota għandha tinqasam f'żewġ partijiet:

(a) l-ewwel parti, ekwivalenti għal 80 % jew 17 920 tunnellata, għandha titqassam fost l-esportaturi tal-Komunità li jistgħu juru li esportaw il-prodotti msemmija fl-Artikolu 27(2) lejn ir-Repubblika Domenikana tul tlieta minn erba' snin kalendarji qabel il-perjodu għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet;

(b) it-tieni parti, ekwivalenti għal 20 % jew 4 480 tunnellata, għandha tkun riżervata għall-applikanti l-oħra għajr dawk imsemmija fil-punt (a) li jistgħu juru, meta jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom, li ilhom involuti tal-anqas għal 12-il xahar f'kummerċ ma' pajjiżi terzi fis-settur tal-prodotti tal-ħalib elenkati fil-Kapitolu 4 tan-Nomenklatura Magħquda u huma rreġistrati għall-finijiet ta' VAT fi Stat Membru.

Il-prova ta' kummerċ kif imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tingħata skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006.

2. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-esportazzjoni ma jistgħux ikopru, għal kull applikant, aktar minn:

(a) għall-parti msemmija fil-paragrafu 1(a), kwantità ekwivalenti għal 110 % tal-kwantità totali tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 27(2) esportati lejn ir-Repubblika Domenikana matul sena waħda mit-tliet snin qabel il-perjodu għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet;

▼B

(b) għall-parti msemmija fil-paragrafu 1(b), kwantità totali massima ta' 600 tunnellata.

Madankollu l-esportaturi eliġibbli biex japplikaw għall-parti (a) jistgħu jagħżlu li japplikaw taħt il-parti (b) minflok il-parti (a).

L-applikazzjonijiet li jabqżu l-limiti provduti fil-punti (a) u (b) għandhom jiġu rrifjutati.

3. ►M3 Biex ikunu ammissibbli, tista' tiġi sottomessa applikazzjoni għal-liċenzja tal-esportazzjoni waħda biss għal kull kodiċi tal-prodotti fin-Nomenklatura Magħquda, u l-applikazzjonijiet għandhom jiġu ppreżentati fl-istess ħin lill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru wieħed. ◄

Applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-esportazzjoni għandhom ikunu ammissibbli biss fejn l-applikanti, fil-ħin li jippreżentaw l-applikazzjonijiet tagħhom:

(a) jippreżentaw garanzija skont l-Artikolu 9;

(b) għall-parti msemmija fil-paragrafu 1(a), jindikaw il-kwantità tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 27(2) li huma jkunu esportaw lejn ir-Repubblika Domenikana tul sena waħda mit-tliet snin kalendarji qabel il-perjodu msemmi fil-paragrafu 1(a) ta' dan l-Artikolu u jkunu kapaċi juru dan għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru konċernat. Għal dan il-għan l-operatur li ismu jkun qiegħed jidher fuq id-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni rilevanti għandu jitqies bħala l-esporatur,

(c) għall-parti msemmija fil-paragrafu 1(b), ikunu kapaċi juru għas-sodisfazzjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru konċernat, li huma jissodisfaw l-kundizzjonijiet stabbiliti fih.

Artikolu 29

L-applikazzjonijiet għal-liċenzji għandhom jiġu ppreżentati mill-1 sal-10 ta' April ta' kull sena għall-kwota marbuta mal-perjodu bejn l-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara.

Għall-finijiet tal-Artikolu 4(1), l-applikazzjonijiet kollha li jiġu ppreżentati qabel id-data ta' skadenza għandhom jitqiesu li jkunu ġew ippreżentati fl-ewwel jum tal-perjodu għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji.

Artikolu 30

L-applikazzjonijiet għal-liċenzji u l-liċenzji għandu jkun fihom:

(a) fit-taqsima 7, il-kliem "Ir-Repubblika Domenikana — DO";

(b) fit-taqsimiet 17 u 18, il-kwantità li magħha tkun marbuta l-applikazzjoni jew il-liċenzja;

(c) fit-taqsima 20, waħda mill-entrati elenkati fl-Anness III.

Il-liċenzji maħruġa skont din it-Taqsima joħolqu obbligu ta' esportazzjoni lejn ir-Repubblika Domenikana.

▼B

Artikolu 31

▼M1

1. ►M3 Mhux aktar tard mill-ħames jum tax-xogħol ta' wara l-iskadenza tal-perjodu tal-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, għal kull waħda miż-żewġ partijiet tal-kwota u għal kull kodiċi tal-prodott tan-Nomenklatura Magħquda, dwar il-kwantitajiet koperti bl-applikazzjonijiet għal-liċenzji jew, fejn applikabbli, li ma tkun ġiet ippreżentata l-ebda applikazzjoni. ◄

Qabel in-notifika msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri għandhom jivverifikaw b'mod partikolari li l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 27(2) u fl-Artikolu 28(1) u (2) ġew issodisfati.

▼B

2. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi malajr kemm jista' jkun sa liema punt jistgħu jingħataw il-liċenzji għall-kwantitajiet mitluba fl-applikazzjoni u għandha tavża lill-Istati Membri bid-deċiżjoni tagħha.

Jekk il-kwantitajiet kollha koperti bl-applikazzjonjiet għal-liċenzji għal waħda miż-żewġ partijiet tal-kwota jaqbżu l-kwantitajiet imsemmija fl-Artikolu 28(1), il-Kummissjoni għandha tiffissa koeffiċjent ta' allokazzjoni. L-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-koeffiċjent għandu jinġieb sal-eqreb kg.

▼M3

Jekk l-applikazzjoni tal-koeffiċjent ta' allokazzjoni tirriżulta fi kwantità ta' inqas minn 20 tunnellata għal kull applikant, l-applikanti jistgħu jirtiraw l-applikazzjonijiet tagħhom. F'każijiet bħal dawn, huma għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Il-garanzija għandha tiġi rilaxxata minnufih. L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-Kummissjoni, fi żmien tmint ijiem tax-xogħol mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni, bil-kwantitajiet maqsuma skont il-kodiċijiet tal-prodotti tan-Nomenklatura Magħquda, li għalihom ikunu ġew irtirati l-applikazzjonijiet u li għalihom tkun ġiet rilaxxata l-garanzija.

Fejn l-applikazzjonijiet għal-liċenzji jiġu sottomessi għall-kwantitajiet ta' prodott li ma jaqbżux il-kwoti msemmija fl-Artikolu 28(1), il-Kummissjoni għandha talloka l-kwantitajiet li jifdal b'mod li jkun proporzjonat għall-kwantitajiet mitluba fl-applikazzjonijiet, billi tiffissa koeffiċjent ta' allokazzjoni. L-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-koeffiċjent għandu jinġieb sal-eqreb kg. L-operaturi għandhom jinfurmaw lill-awtorità kompetenti dwar il-kwantità supplementari li huma jaċċettaw, fi żmien ġimgħa mill-pubblikazzjoni tal-koeffiċjent ta' allokazzjoni. Il-garanzija ppreżentata għandha tiżdied skont dan.

▼B

Artikolu 32

▼M1

1. Il-liċenzji għandhom jinħarġu fuq it-talba tal-operatur, mhux qabel l-1 ta' Ġunju u mhux akar tard mill-15 ta' Frar tas-sena ta' wara. Huma għandhom jinħarġu biss lill-operaturi li l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tagħhom kienu nnotifikati skont l-Artikolu 31(1).

Jekk jinstab li l-informazzjoni pprovduta minn operatur li nħarġitlu liċenzja ma tkunx korretta, il-liċenzja għandha tiġi kkanċellata u l-garanzija għandha tintilef min-naħa tal-operatur.

▼M3

Sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Frar, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, għaż-żewġ partijiet tal-kwota msemmija fl-Artikolu 28(1), il-kwantitajiet li għalihom ma tkun inħarġet l-ebda liċenzja, maqsumin skont il-kodiċi tal-prodott tan-Nomenklatura Magħquda.

▼B

2. Il-liċenzji tal-esportazzjoni maħruġa skont din it-Taqsima għandhom ikunu validi mill-jum attwali tal-ħruġ tagħhom skont it-tifsira tal-Artikolu 22(2) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008 sat-30 ta' Ġunju tas-sena tal-kwota li għaliha tkun saret l-applikazzjoni għal-liċenzja.

▼M3

Għall-finijiet tal-Artikolu 6(2), il-liċenzja tal-esportazzjoni għandha tkun valida wkoll għal kwalunkwe prodott minn dawk li jaqgħu taħt il-kodiċijiet msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 27(2).

▼B

3. Il-garanzija għandha tiġi rrilaxxata biss f'wieħed minn dawn il-każijiet:

(a) mal-preżentazzjoni tal-prova msemmija fl-Artikolu 32(2) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008 flimkien mad-dokument tat-trasport imsemmi fl-Artikolu 17(3) tar-Regolament (KE) Nru 612/2009 fejn ir-Repubblika Domenikana titniżżel bħala d-destinazzjoni;

(b) fir-rigward tal-kwantitajiet koperti bl-applikazzjonijiet li għalihom ma setgħet tinħareġ l-ebda liċenzja.

Il-garanzija marbuta mal-kwantità li ma tiġix esportata tintilef.

4. B'deroga mill-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, il-liċenzji ma għandhomx ikunu trasferibbli.

▼M3

5. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, għaż-żewġ partijiet tal-kwota msemmija fl-Artikolu 28(1) u, fir-rigward tal-perjodu ta' 12-il xahar preċedenti kif imsemmi fl-Artikolu 28(1), il-kwantitajiet li ġejjin, maqsumin skont il-kodiċi tal-prodotti tan-Nomenklatura Magħquda:

— il-kwantità li għaliha ma nħarġux liċenzji jew li ġew ikkanċellati,

— il-kwantità esportata.

▼B

Artikolu 33

▼M3

1. Il-Kapitolu I għandu japplika, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 7 u 10.

▼M1

2. In-notifiki lill-Kummissjoni msemmija f'dan ir-Regolament għandhom isiru skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 792/2009 ([1]).

([1]) ĠU L 228, 1.9.2009, p. 3.

▼B

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 34

1. Ir-Regolament (KE) Nru 1282/2006 għandu jitħassar.

Madankollu, għandu jibqa' japplika għal-liċenzji tal-esportazzjoni li għalihom saret applikazzjoni qabel l-1 ta' Jannar 2010.

2. Ir-referenzi għar-Regolament (KE) Nru 1282/2006 għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness VIII.

Artikolu 35

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika għal-liċenzji tal-esportazzjoni li ssir applikazzjoni għalihom mill-1 ta' Jannar 2010.

Fuq talba tal-operatur interessat ippreżentata mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u qabel l-1 ta' Mejju 2010, l-Artikolu 6 għandu japplika għal-liċenzji maħruġa mit-30 ta' Jannar 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

Il-kategoriji tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 5(1)

Numru	Deskrizzjoni	Kodiċi tan-NM
I	Butir, xaħmijiet oħra u żjut derivati mill-ħalib u pejstijiet	0405 10 0405 20 90 0405 90
II	Trab tal-ħalib xkumat	0402 10
III	Ġobon u baqta	0406
IV	Prodotti tal-ħalib oħrajn	0401 0402 21 0402 29 0402 91 0402 99 0403 10 11 sa 0403 10 39 0403 90 11 sa 0403 90 69 0404 90 2309 10 15 2309 10 19 2309 10 39 2309 10 59 2309 10 70 2309 90 35 2309 90 39 2309 90 49 2309 90 59 2309 90 70

▼B

ANNESS II

Il-grupp tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 5(2)

Grupp Nru	Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda
1	►M2 0401 40 0401 50 ◄
2	0402 21 0402 29
3	0402 91 0402 99
4	0403 90
5	0404 90
6	0405
7	0406 10
8	0406 20
9	0406 30
10	0406 40
11	0406 90

▼**M4**

ANNESS IIa

Identifikazzjoni tal-grupp skont in-Noti Addizzjonali mogħtija fil-Kapitolu 4 tal-Iskeda tat-Tariffi Armonizzati tal-Istati Uniti tal-Amerika		Identifikazzjoni tal-Kwota	Kwantità annwali disponibbli Kg
Numru tal-Grupp	Deskrizzjoni tal-grupp		
(1)	(2)	(3)	(4)
16	Not specifically provided for (NSPF)	16-Tokyo	908 877
		16-Uruguay	3 446 000
17	Blue Mould	17-Uruguay	350 000
18	Cheddar	18-Uruguay	1 050 000
20	Edam/Gouda	20-Uruguay	1 100 000
21	Italian type	21-Uruguay	2 025 000
22	Swiss or Emmenthaler cheese other than with eye formation	22-Tokyo	393 006
		22-Uruguay	380 000
25	Swiss or Emmenthaler cheese with eye formation	25-Tokyo	4 003 172
		25-Uruguay	2 420 000

▼**M4**

ANNESS IIb

Preżentazzjoni tal-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 22

Identifikazzjoni tal-kwota msemmija fil-kolonna (3) tal-Anness II*a* .....

Isem tal-grupp imsemmi fil-kolonna (2) tal-Anness II*a*

Oriġini tal-kwota L-Assemblea tal-Urugwaj □ L-Assemblea ta' Tokjo □

Isem/indirizz tal-applikant	Kodiċi tal-prodott mogħti fin-Nomenklatura Magħquda	Kwantità li saret applikazzjoni għaliha f'kg	Kodiċi mogħti fl-Iskeda tat-Tariffi Armonizzati tal-Istati Uniti tal-Amerika	Isem/indirizz tal-importatur innominat
	Total:			

▼B

ANNESS III

L-entrati msemmija fl-Artikolu 30(c)

— *bil-Bulgaru:* Глава III, раздел 3 от Регламент (ЕО) № 1187/2009:

тарифна квота за периода 1.7… г. — 30.6… г., за мляко на прах, съгласно допълнение II към приложение III към Споразумението за икономическо партньорство между държавите от КАРИФОРУМ, от една страна, и Европейската общност и нейните държави-членки, от друга страна, чието подписване и временно прилагане е одобрено с Решение 2008/805/ЕО на Съвета.]

— *bl-Ispanjol:* Capítulo III, sección 3, del Reglamento (CE) nº 1187/2009:

contingente arancelario de leche en polvo del año 1.7.…-30.6.…, con arreglo al apéndice 2 del anexo III del Acuerdo de Asociación Económica entre los Estados del CARIFORUM, por una parte, y la Comunidad Europea y sus Estados miembros, por otra, cuya firma y aplicación provisional han sido aprobadas mediante la Decisión 2008/805/CE del Consejo.

— *biċ-Ċek:* kapitola III oddíl 3 nařízení (ES) č. 1187/2009:

celní kvóta na období od 1. 7. … do 30. 6. … pro sušené mléko podle dodatku 2 přílohy III Dohody o hospodářském partnerství mezi státy CARIFORA na jedné straně a Evropským společenstvím a jeho členskými státy na straně druhé, jejíž podpis a prozatímní uplatňování byly schváleny rozhodnutím Rady 2008/805/ES.

— *bid-Daniż:* Kapitel III, afdeling 3, i forordning (EF) nr. 1187/2009:

toldkontingent for 1.7…-30.6… for mælkepulver i overensstemmelse med bilag III, tillæg 2, til den økonomiske partnerskabsaftale mellem Cariforumlandene på den ene side og Det Europæiske Fællesskab og dets medlemsstater på den anden side, hvis undertegnelse og midlertidige anvendelse blev godkendt ved Rådets afgørelse 2008/805/EF.

— *bil-Ġermaniż:* Kapitel III Abschnitt 3 der Verordnung (EG) Nr. 1187/2009:

Milchpulverkontingent für den Zeitraum 1.7.…—30.6.… gemäß Anhang III Anlage 2 des Wirtschaftspartnerschaftsabkommens zwischen den CARIFORUM-Staaten einerseits und der Europäischen Gemeinschaft und ihren Mitgliedstaaten andererseits, dessen Unterzeichnung und vorläufige Anwendung mit dem Beschluss 2008/805/EG des Rates genehmigt wurde.

— *bl-Estonjan:* määruse (EÜ) nr 1187/2009 III peatüki 3. jagu:

ühelt poolt CARIFORUMi riikide ning teiselt poolt Euroopa Ühenduse ja selle liikmesriikide vahelise majanduspartnerluslepingu (mille allakirjutamine ja esialgne kohaldamine on heaks kiidetud nõukogu otsusega 2008/805/EÜ) III lisa 2. liites on sätestatud piimapulbri tariifikvoot ajavahemikuks 1.7.…–30.6.…

— *bil-Grieg:* κεφάλαιο III, τμήμα 3 του κανονισμού (ΕΚ) αριθ. 1187/2009:

δασμολογική ποσόστωση 1.7.…-30.6.…, για το γάλα σε σκόνη σύμφωνα με το προσάρτημα 2 του παραρτήματος III της συμφωνίας οικονομικής εταιρικής σχέσης μεταξύ των κρατών CARIFORUM, αφενός, και της Ευρωπαϊκής Κοινότητας και των κρατών μελών της, αφετέρου, της οποίας η υπογραφή και η προσωρινή εφαρμογή εγκρίθηκε με την απόφαση 2008/805/ΕΚ του Συμβουλίου.

— *bl-Ingliż:* Chapter III, Section 3 of Regulation (EC) No 1187/2009:

tariff quota for 1.7.…-30.6.…, for milk powder according to Appendix 2 of Annex III to the Economic Partnership Agreement between the CARIFORUM States, of the one part, and the European Community and its Member States, of the other part, the signature and provisional application of which has been approved by Council Decision 2008/805/EC.

▼B

— *bil-Franċiż:* Chapitre III, Section 3, du règlement (CE) nº 1187/2009:

contingent tarifaire pour la période du 1.7… au 30.6…, pour le lait en poudre conformément à l'appendice 2 de l'annexe III de l'accord de partenariat économique entre les États du Cariforum, d'une part, et la Communauté européenne et ses États membres, d'autre part, dont la signature et l'application provisoire ont été approuvées par la décision 2008/805/CE du Conseil.

— *bit-Taljan:* capo III, sezione 3 del regolamento (CE) n. 1187/2009:

contingente tariffario per l'anno 1.7…-30.6…, per il latte in polvere ai sensi dell'appendice 2 dell'allegato III dell'accordo di partenariato economico tra gli Stati del CARIFORUM, da una parte, e la Comunità europea e i suoi Stati membri, dall'altra, la cui firma e la cui applicazione provvisoria sono state approvate con decisione 2008/805/CE del Consiglio.

— *bil-Latvjan:* Regulas (EK) Nr. 1187/2009 III nodaļas 3. iedaļā –

Tarifa kvota no 1. jūlija līdz 30. jūnijam piena pulverim saskaņā ar III pielikuma 2. papildinājumu Ekonomiskās partnerattiecību nolīgumā starp *CARIFORUM* valstīm no vienas puses un Eiropas Kopienu un tās dalībvalstīm no otras puses, kura parakstīšana un provizoriska piemērošana apstiprināta ar Padomes Lēmumu 2008/805/EK.

— *bil-Litwan:* Reglamento (EB) Nr. 1187/2009 III skyriaus 3 skirsnyje:

tarifinė kvota nuo … metų liepos 1 dienos iki … metų birželio 30 dienos pieno milteliams, numatyta CARIFORUM valstybių ir Europos bendrijos bei jos valstybių narių Ekonominės partnerystės susitarimo, kurio pasirašymas ir laikinas taikymas patvirtinti Tarybos sprendimu 2008/805/EB, III priedo 2 priedėlyje.

— *bl-Ungeriż:* Az 1187/2009/EK rendelet III. fejezetének 3. szakasza:

az egyrészről a CARIFORUM-államok másrészről az Európai Közösség és tagállamai közötti gazdasági partnerségi megállapodás – amelynek aláírását és ideiglenes alkalmazását a 2008/805/EK tanácsi határozat hagyta jóvá – III. mellékletének 2. függeléke szerinti tejporra […] július 1-től […] június 30-ig vonatkozó vámkontingens.

— *bil-Malti:* Il-Kaptiolu III, it-Taqsima 3 tar-Regolament (KE) Nru 1187/2009:

kwota tariffarja għal 1.7…-30.6…, għat-trab tal-ħalib skont l-Appendiċi 2 tal-Anness III għall-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati CARIFORUM, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, li l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tiegħu kienu approvati bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/805/KE.

— *bl-Olandiż:* hoofdstuk III, afdeling 3 van Verordening (EG) nr. 1187/2009:

tariefcontingent melkpoeder voor het jaar van 1.7.… t/m 30.6.… overeenkomstig aanhangsel 2 van bijlage III bij de economische partnerschapsovereenkomst tussen de CARIFORUM-staten, enerzijds, en de Europese Gemeenschap en haar lidstaten, anderzijds, waarvan de ondertekening en de voorlopige toepassing zijn goedgekeurd bij Besluit 2008/805/EG van de Raad.

— *bil-Pollakk:* rozdział III sekcja 3 rozporządzenia (WE) nr 1187/2009:

kontyngent taryfowy na okres od 1.7.… do 30.6.… na mleko w proszku zgodnie z dodatkiem 2 do załącznika III do Umowy o partnerstwie gospodarczym między państwami CARIFORUM z jednej strony, a Wspólnotą Europejską i jej państwami członkowskimi z drugiej strony, której podpisanie i tymczasowe stosowanie zostało zatwierdzone decyzją Rady 2008/805/WE.

▼B

— *bil-Portugiż:* Secção 3 do capítulo III do Regulamento (CE) n.º 1187/2009:

Contingente pautal de leite em pó do ano 1.7.…-30.6.…, ao abrigo do apêndice 2 do anexo III do Acordo de Parceria Económica entre os Estados do Cariforum, por um lado, e a Comunidade Europeia e os seus Estados-Membros, por outro, cuja assinatura e aplicação a título provisório foram aprovadas pela Decisão 2008/805/CE do Conselho.

— *bir-Rumen:* capitolul III secțiunea 3 din Regulamentul (CE) nr. 1187/2009:

contingent tarifar pentru anul 1.7…-30.6…, pentru lapte praf în conformitate cu apendicele 2 din anexa III la Acordul de parteneriat economic între statele CARIFORUM, pe de o parte, și Comunitatea Europeană și statele membre ale acesteia, pe de altă parte, ale cărui semnare și aplicare provizorie au fost aprobate prin Decizia 2008/805/CE a Consiliului.

— *bis-Slovakk:* kapitola III oddiel 3 nariadenia (ES) č. 1187/2009:

colná kvóta na obdobie od 1. júla … do 30. júna … na sušené mlieko podľa dodatku 2 k prílohe III k Dohode o hospodárskom partnerstve medzi štátmi CARIFORUM-u na jednej strane a Európskym spoločenstvom a jeho členskými štátmi na druhej strane, ktorej podpísanie a predbežné vykonávanie sa schválilo rozhodnutím Rady 2008/805/ES.

— *bis-Sloven:* poglavje III, oddelek 3 Uredbe (ES) št. 1187/2009:

Tarifna kvota za obdobje 1.7…–30.6… za mleko v prahu v skladu z Dodatkom 2 k Prilogi III k Sporazumu o gospodarskem partnerstvu med državami CARIFORUMA na eni strani ter Evropsko skupnostjo in njenimi državami članicami na drugi strani, katerega podpis in začasno uporabo je Svet odobril s Sklepom 2008/805/ES.

— *bil-Finlandiż:* asetuksen (EY) N:o 1187/2009 III luvun 3 jaksossa:

Euroopan yhteisön ja sen jäsenvaltioiden sekä CARIFORUM-valtioiden talouskumppanuussopimuksen, jonka allekirjoittaminen ja väliaikainen soveltaminen on hyväksytty neuvoston päätöksellä 2008/805/EY, liitteessä III olevan lisäyksen 2 mukainen maitojauheen tariffikiintiö 1.7…–30.6… välisenä aikana.

— *bl-Iżvediż:* Kapitel III, avsnitt 3 i förordning (EG) nr 1187/2009:

tullkvot för 1.7…–30.6… för mjölkpulver enligt tillägg 2 till bilaga III till avtalet om ekonomiskt partnerskap mellan Cariforum-staterna, å ena sidan, och Europeiska gemenskapen och dess medlemsstater, å andra sidan, vars undertecknande och provisoriska tillämpning godkändes genom rådets beslut 2008/805/EG.

▼M1

———————

▼B

ANNESS VII

Ir-Regolament imħassar bl-emendi suċċessivi tiegħu

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1282/2006 (ĠU L 234, 29.8.2006, p. 4)	
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1919/2006 (ĠU L 380, 28.12.2006, p. 1)	L-Artikolu 7 u l-Anness IX biss
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 532/2007 (ĠU L 125, 15.5.2007, p. 7)	L-Artikolu 1 biss
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 240/2009 (ĠU L 75, 21.3.2009, p. 3)	
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 433/2009 (ĠU L 128, 27.5.2009, p. 5)	
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 740/2009 (ĠU L 290, 13.8.2009, p. 3)	

▼B

ANNESS VIII

Tabella ta' korrelazzjoni

Ir-Regolament (KE) Nru 1282/2006	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2	Artikolu 2
Artikolu 3(2)	Artikolu 3
Artikolu 4(1)	Artikolu 4(1)
Artikolu 4(2)	Artikolu 4(2)
Artikolu 4(3)	Artikolu 4(3)
Artikolu 4(4)	—
Artikolu 6	Artikolu 5
Artikolu 7	Artikolu 6
Artikolu 8	Artikolu 7
Artikolu 9(1) sa (6)	Artikolu 8(1) sa (6)
Artikolu 9(7)	—
Artikolu 10(1)	Artikolu 9
Artikolu 10(2)	—
Artikolu 11	Artikolu 10
Artikolu 12	Artikolu 11
Artikolu 13(1)	Artikolu 12
Artikolu 13(2)	—
Artikolu 14	Artikolu 13
Artikolu 15	—
Artikolu 16	Artikolu 14
Artikolu 17	Artikolu 15
Artikolu 18	Artikolu 16
Artikolu 19	Artikolu 17
Artikolu 20	Artikolu 18
Artikolu 21(1)	Artikolu 19(1)
Artikolu 21(2)	Artikolu 19(2)
Artikolu 21(3)	Artikolu 19(3)

▼B

Ir-Regolament (KE) Nru 1282/2006	Dan ir-Regolament
Artikolu 21(4)	—
Artikolu 22(1)	Artikolu 20
Artikolu 22(2)	—
Artikolu 23	Artikolu 21
Artikolu 24	Artikolu 22
Artikolu 25(1), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 23(1), l-ewwel subparagrafu
—	Artikolu 23(1), it-tieni subparagrafu
Artikolu 25(1), it-tieni subparagrafu	Artikolu 23(1), it-tielet subparagrafu
Artikolu 25(2)	Artikolu 23(2)
Artikolu 25(3)	Artikolu 23(3)
Artikolu 26	Artikolu 24
Artikolu 27	Artikolu 25
Artikolu 28	Artikolu 26
Artikolu 29	Artikolu 27
Artikolu 30(1)	Artikolu 28(1)
Artikolu 30(2), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 28(2), l-ewwel subparagrafu
—	Artikolu 28(2), it-tieni subparagrafu
Artikolu 30(2), it-tieni subparagrafu	Artikolu 28(2), it-tielet subparagrafu
Artikolu 30(3)	Artikolu 28(3)
Artikolu 31	Artikolu 29
Artikolu 32	Artikolu 30
Artikolu 33(1)	Artikolu 31(1)
Artikolu 33(2), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 31(2), l-ewwel subparagrafu
Artikolu 33(2), it-tieni subparagrafu, l-ewwel fraži	Artikolu 31(2), it-tieni subparagrafu, l-ewwel fraži
—	L-Artikolu 31(2), it-tieni subparagrafu, it-tieni fraži
Artikolu 33(2), it-tieni subparagrafu, mit-tieni sal-ħames fraži	Artikolu 31(2), it-tielet subparagrafu
Artikolu 33(2), it-tielet subparagrafu	Artikolu 31(2), ir-raba' subparagrafu
Artikolu 34	Artikolu 32

▼B

Ir-Regolament (KE) Nru 1282/2006	Dan ir-Regolament
Artikolu 35(1)	Artikolu 33(1)
Artikolu 35(2)	—
Artikolu 35(3)	Artikolu 33(2)
Artikolu 36	—
Artikolu 37	—
—	Artikolu 34
—	Artikolu 35
Anness I	Anness I
Anness II	Anness II
Anness III	—
Anness IV	Anness III
Anness V	Anness IV
Anness VI	Anness V
Anness VII	Anness VI
Anness VIII	—
—	Anness VII
—	Anness VIII